MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 56/2001/1

**Maria sive Miriam, Carmen, Concetta sive Connie u Salvina lkoll ahwa Grech**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur u li jghid hekk:

Illi b'ittra ufficjali pprezentata fit-22 ta' Jannar 1985 (kopja Dok A) l-intimat kien avza lil John Grech, missier l-esponenti, llum mejjet, li bis-sahha tal-Att numru 1 tal-1983 (Kap 303) porzjoni art li setghet kienet proprjeta tal-istess John Grech fil-kontrada ta' Santa Margherita Mosta kienet giet inkluza f'Biulding Development Area (BDA).

Illi l-esponenti huma l-eredi eventi causa ta' John Grech li miet fis-16 ta' Gunju 1988 (Dok C) li fil-fatt kien il-

proprjetarju ta' porzjoni art mlaqqma Ix-Xaghra ta' Santa Maria tal-kejl ta' cirka T4-3-0 kif murija fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok B formanti parti minn territorju inkluz fl-istess Biulding Development Area ta' Santa Margherita Mosta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu lil dan il-Bord, prevja dikjarazzjoni li l-istess Xaghra ta' Santa Maria kienet proprjeta tal-imsemmi John Grech sakemm ghadda t-titolu favur il-Gvern ta' Malta permezz tal-Att 1 tal-1983 u li l-intimati huma l-unici eredi tieghu, jistabilixxi l-ammont tal-kumpens li ghalih l-esponenti huma intitolati u jikkundanna lill-intimat ihallas dak il-kumpens hekk likwidat.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti, l-Bord huwa sodisfatt illi l-istess rikorrenti huma eredi u l-aventi causa ta' John Grech li kien il-propretarju tal-art in kwistjoni;

Illi dwar il-kumpens xieraq dovut lill-istess rikorrenti, il-Bord kien assistit mill-perit arkitett Joseph Briffa u l-perit arkitett Godfrey Vella u dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

"L-esponenti, waqt li jirreferu ghal-Ligi tal-1983 Dwar Arei Ghall-Izvilupp tal-Bini (Att Nru 1 tal-1983) jidrilhom li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tan-natura ta' l-art in kwistjoni, li hi agrikola, ghandu jkun ta' ghaxart elef, erba mija u tmenin Ewro (Ewro 10,480.00) jew Lm4,500.00

Ghalhekk il-Bord, in vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa

l-kumpens xieraq dovut lilhom huwa fl-ammont ta’ ghaxart elef erba mija u tmein ewro (Euro 10,480) u jikkondanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti l-istess ammont soggett ghall-imghax legali u dan fi zmien xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------